MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 38

17 ta' Mejju 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 38 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.7.1. **(Ref: M/6/Vol V)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.7.1.* ***Żjara mill-Patrijarka Kattoliku ta' Antijokja u l-Lvant (M/6/Vol V)***

**2.7.2.** *Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Patrijarka Kattoliku ta' Antijokja u ta l-Lvant Gregorius Laham III, fuq stedina li saritlu minnu, żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kif ukoll il-Gżejjer ta' San Pawl. Iż-żjara seħħet nhar is-Sibt 17 ta' April 2010 u attendew flimkien miegħu, il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri C. Bartolo u J. Buttigieg. Il-Patrijarka kien f'Malta fl-okkażjoni taż-żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, bejn is-17 u t-18 ta' April 2010. F'dan il-punt, is-Sindku ppropona li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Michael Cauchi li pprovda l-lanċa tiegħu mingħajr ħlas sabiex sar it-traġitt bejn il-Moll tat-Tunnara sal-Gżejjer Ta' San Pawl u lura.".*

1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.10.3. **(Ref: E/3/1/Vol III)** u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"4.10.3. Dwar il-korsijiet bi sħab mad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li għandu jiġi ntrodott il-kors li jitratta Studying Skills – Helping Children in Their Studies. Fir-rigward ta' korsijiet organizzati mill-Kunsill, is-Sur C. Bartolo għarraf li huwa kellu kuntatti mal-Art Club 2000 u l-Ladies Craft Circle sabiex ikunu parteċipi f'din l-inizjattiva. Wara dawn il-kuntatti huwa jipproponi li b'effett minn Ottubru 2010 għandhom jibdew korsijiet fl-Arti u l-Artiġġjanat, li wieħed minnhom ikun jinkludi kors fix-xogħol tal-Bizzilla, filwaqt li jikomplew il-korsijiet taż-Żfin.".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 4.13.2. (Ref: K/6/4/1) u talab li din tinqara hekk:

*"4.13.2. Is-Sindku rrefera għall-ġiebja li saret fis-soft area li hemm fil-post imsemmi. Huwa qal li l-ħaddiema tal-Environment Landscapes Consortium Ltd kienu nfurawħ li l-istess ġiebja ma kienitx qed iżżomm ilma u għalhekk huwa talab lill-kuntrattur Central Asphalt Ltd sabiex jivverifika dan. Permezz ta' ittra datata 6 ta' April 2010, il-perit ta' Central Asphalt Ltd iċċertifika li l-ġiebja mhix tagħmel l-ilma, filwaqt li*

*talab lill-Kusill jindika metodu xjentifiku biex dan jiġi verifikat. Kompla jgħid li l-ġiebja ġiet mimlija bi spejjeż tal-Kunsill u minn sorveljanza li saret fuq diversi jiem, irriżulta li din fil-fatt ma kinitx qed tagħmel l-ilma, kif kien maħsub. Is-Sur R. Cutajar ressaq ukoll layout, li saret mid-dinjatur Carlo Schembri, għas-soft area trijangulari li tinsab bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida.".*

1.4. Il-Kunsillier C. Bartolo refera wkoll għall-minuta 6.2. dwar il-pagament Nru. 019-04-10. Huwa ppropona li din tinqara hekk:

*"6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-1 u l-21 ta' April 2010. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-petty cash bejn it-18 u d-9 ta' April 2010. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-petty cash bejn it-18 u d-9 ta' April 2010. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-pagament Nru. 019-04-10, mitlub minn Malta Planning & Design Consultants Ltd, li jammonta €10,204. Huwa staqsa dwar xi tkopri din is-somma. Is-Segretarju spjega li minħabba li nbidel il-kunċett originali tal-proġett minn wieħed ta' afforestazzjoni biss għal wieħed li jinkludi wkoll faċilitajiet sportivi, kellhom jsiru survey, jitfasslu pjanti ġodda, jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni PA1258/09.".*

1.5. Is-Sindku R. Cutajar u l-Viċi Sindku E. Bartolo rreferew għall-minuta 4.14.4. (Ref: C/4/Vol III). Huma ppropenew li l-minuta 4.14.4. tiġi rinumerata 4.14.5. biex tidħol oħra f'lokha bin-numru 4.14.4., li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.14.5. Is-Sur E. Bartolo rrimarka li fil-każ ta' Baħar iċ-Ċagħaq, is-sidien tal-caravans ġew imġiegħla jneħħu l-irregolaritajiet u jħallsu l-kera lill-Gvern. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm konsistenza bejn dak li jsir fil-Mellieħa u dak li sar fi bnadi oħra, bħal fil-każ ta' Baħar iċ-Ċagħaq.".*

1.6. Il-minuti tas-seduta Nru. 37 tas-27 ta' April 2010, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Status* ta' *Blue Flag* lill-bajjiet (X/1/1/Vol II)

2.1.2. Sar aċċenn għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa fuq il-post fl-Għadira flimkien ma' rappreżentati mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u Green MT Ltd, fejn ġew indikati numru ta' miżuri li jridu jittieħdu biex il-bajja tkun tissodisfa l-kriterji tal-Blue Flag. Dawn jinkludu l-bdil tal-*litter bins*, tabelli mal-kjoskijiet u stabbilimenti oħra li hemm fuq il-bajja. Tabelli mwaħħla mill-Kunsill bħal dawk tal-*barbecues* u tabelli oħra tat-twissija, m'humiex esklużi.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li fil-21 ta' Mejju 2010 ser issir attivita` fl-Għadira, fejn madwar 300 tfal tal-iskola ser jassistu għat-tluq fil-baħar ta' tmien fkieren minn membri tan-Nature Trust. Għarraf ukoll li fl-istess okkażjoni ser jiġi ppreżentat il-*Beach of Quality Certificate* u tittellgħa l-bandiera li tindika l-bajja tal-Għadira laħqet dan l-istandard.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Stedina għal żjara f'Pozzallo fi Sqallija (A/5/3/Vol X)

2.2.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li kien hemm parteċipazzjoni tajba f'Pozzallo mill-kantanti Georgina u Ryan Abela, il-Grupp Simar u l-Banda Imperial. Huwa qal li dan ġie apprezzat mill-Comune di Pozzallo.

2.2.3. Is-Sindku għarraf li Virtu` Ferries talbu l-ħlas qabel seħħ il-vjaġġ lejn Pozzallo u għalhekk il-pagament ta' €338.25 kellu jsir qabel is-17 ta' April 2010. Huwa qal li nkiseb *sponsorship* ta' €350 minn Radisson Golden Sands Hotel li tħallas direttament lill-Virtu` Ferries. Is-Sur R. Cutajar qal li dawn tawħ *credit note* sabiex tkun tista' tintuża waqt żjara oħra li mistennija ssir f'Pozzallo biex talent mill-Mellieħa jkun jista' jieħu sehem fis-*Sacra del Pesce* li ssir f'Awwissu. Huwa qal ukoll li fiż-żjara ta' Pozzallo ħadu sehem 50 persuna mill-Mellieħa, li effettivament ma kienet tinvolvi ebda nefqa għall-Kunsill.

**2.3.1. Estensjoni tal-Pergola Club Hotel u Solana Hotel (P/5/8/1)(P/5/8/D)**

2.3.2. B'referenza għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti, il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sur John Grima għadda kopja tal-pjanti dwar l-estensjoni tal-Pergola Club Hotel u s-Solana Hotel.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi ffissata data sabiex issir laqgħa mar-residenti ta' Triq l-Għerien li jiġu qrib il-Pergola Club Hotel.

**2.4.1. Maratona tal-Ġiri fit-toroq tal-Mellieħa (S/6/Vol IV)**

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta u qal li minkejja l-għajnuna mogħtija mill-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita`, is-sehem tiegħu ma ġiex rikonoxxut waqt il-kummentarju li kien hemm waqt il-maratona.

2.4.3. Il-Viċi Sindku għarraf li l-Kumitat Konġunt Tramuntana approva li jkopri l-ħlas tal-Gwardjani Lokali li kkontrollaw it-traffiku f'Misraħ il-Parroċċa waqt l-attivita`.

**2.5.1. Applikazzjoni għal-licenzja ta' *hawker* (H/6)**

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Diviżjoni tal-Kummerċ dwar l-infurzar ta' moratorju dwar il-ħruġ ta' liċenżi għal hekk imsejħa *hawkers*. Huwa qal li kopja tal-ittra ntbagħtet lid-Diviżjoni tal-Kummerċ u kkuppjata lis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, Ambjent u Kultura, u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

2.5.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal illi huwa mportanti li jsir infurzar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-liċenzi eżistenti li diġa ngħataw.

2.5.4. Is-Sindku wieġeb li l-ittra li ntbagħtet talludi wkoll għall-punt imqajjem mis-Sur C. Bartolo.

**2.6.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil (C/4/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.14.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa tkellem mas-Sur Albert Mamo mit-Taqsima tal-Proprjeta`, li għarrfu illi fi ftit jiem oħra ser tittieħed deċiżjoni dwar il-posizzjoni tal-*caravans*, liema deċiżjoni ser tiġi komunikata lill-Kunsill. Huwa qal li għarraf b'dan lill-Avukat Toni Abela li qed jirrappreżenta lis-sidien tal-*caravans*. Kompla jgħid illi jidher li l-awtoritajiet kompetenti qed jikkonsidraw b'mod attiv l-użu tal-*caravan site* privata fl-inħawi ta' Daħlet ix-Xmajjar, b'rati speċjali.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal mistoqsija parlamentari li saret mill-Onor. Evarist Bartolo fejn allega li s-Sindku kien wiegħed lis-sidien tal-*caravans* li fis-Sajf 2010 ser ikunu jistgħu jokkupaw l-art fl-inħawi tal-Qortin it-Twil. Huwa ċaħad li qatt għamel din il-wiegħda. Kompla jgħid li l-Onor. Bartolo ma kienx korrett fl-istess mistoqsija billi qal li l-*caravan site* proposta mill-Gvern, fl-inħawi Tal-Prajjet, l-istess sit fejn saret applikazzjoni għal kamra tan-nar. Dan mhux il-każ, għar-raġuni li bejn iż-żewġ siti teżisti distanza konsiderevoli. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li l-għan aħħari tal-Kunsill huwa li tinstab soluzzjoni ġusta u skond il-liġi.

**2.7.1. Tlielaq tal-karozzi fil-Manikata u Triq il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol VIII)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara l-kuntatti li kien hemm kemm mal-Malta Motor Sports Federation (MMSF), kif ukoll mal-Kumitat Residenti Manikata, huwa jipproponi li l-bidu tal-*hillclimb* ippjanata għall-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010, jiġi mċaqqlaq għal fejn il-kappella l-antika fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata. It-tellieqa titwaqqaf bejn il-11.00am u nofsinhar, waqt il-ħin tal-Quddiesa, sabiex b'hekk il-pubbliku jkollu aċċess sa Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li t-talba tal-MMSF kienet li jorganizzaw it-tlielaq is-Sibt, iżda din il-ġurnata ġiet mibdula għall-Ħadd biex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi għall-bdiewa.

2.7.3. Il-Kunsill qabel li t-tellieqa għandha ssir bejn Triq il-Knisja l-Qadima u tintemm fi Triq il-Mellieħa, qabel Triq L. Wettinger. Id-dħul tat-traffiku lejn il-Manikata għandu jkun ikkontrollat bil-Pulizija jew il-Gwardjani Lokali, minn Triq il-Biedja, Triq il-Wilġa, it-triq ta' Ħal Ferħ u fejn ir-*roundabout* ta' Triq L. Wettinger.

2.7.4. Is-Sindku qal li ser ikun qed jara li l-kundizzjonijiet fil-permess jiġu osservati bil-għan li l-inkonvenjenzi għar-residenti jkunu l-inqas possibbli. Fakkar ukoll li din l-attivita` ta' erba' siegħat għandha tħalli effett ekonomiku pożittiv għal-lokalita`.

2.8.1. **Animal** Fest 2010 (A/5/3/Vol X)

2.8.2. Il-Kunsillier Hilary Fenech ġibed l-attenzjoni għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attivita` kienet karatterizza b'iktar għarmar milli kien hemm fl-edizzjoni 2009. Għalkemm ma kienx hemm għall-wiri annimali eżotiċi, xorta waħda kien hemm varjeta` ta' annimali oħra. Huwa qal ukoll li minkejja kellhom jieħdu sehem is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija, dawn għal xi raġuni ma ġewx. Ikkummenta wkoll li l-attendenza naqset xi ftit wara nofsinhar, forsi minħabba li kien hemm diversi attivitajiet popolari li kienu għaddejjin f'lokalitajiet oħra. Is-Sur H. Fenech irrakkomanda li l-edizzjoni illi jmiss issir f'April billi tkunx daqshekk sħana.

2.8.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal-sena oħra l-attivita` tiġi organizzata s-Sibt filgħaxija.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif u l-proposti mogħtija.

**2.9.1. Attivita` u Quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li ghall-attivita` li saret fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fis-7 ta' Mejju 2010, kien hemm attendenza aċċettabbli billi fl-istess ħin kien hemm attivita` oħra b'rabta ma' Jum l-Omm organizzata minn waħda mill-għaqdiet mużikali u tieġ fil-lokalita`.

2.9.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li qabel kien hemm il-Quddiesa fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena organizzata mill-Kunsill, sar tindif fil-parti li għandha mhux żviluppata fl-istess ċimiterju, kif ukoll inħaslet l-art billi nġieb *bowser* ilma.

2.9.4. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Patricia Cini, Anthony Caruana, lir-Rev. Manuel Bugeja u lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

2.10.1. **Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

2.10.2. Saret referenza għall-minuta 14.1. Is-Sindku għarraf li huwa qed jikkordina l-attivita` tad-19 ta' Ġunju 2010, flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg. Is-Sur R. Cutajar qal li qed jiġi propost li minbarra l-purċissjoni tal-bandu, jkun hemm:

- Wirja ta' diversi karetturi antiki armati għal użi differenti;
- *Donkey rides*;
- Daqq ta' strumenti mużikali tradizzjonali mill-grupp folkloristiku Nafra;
- Kant ta' kanzunetti folkloristiċi; u
- Marċi mill-baned La Vittoria u Imperial;

2.10.3. Biex tingħata promozzjoni lill-attivita` kien suġġerit li jsir *bill board* fit-telgħa ta' Selmun.

2.10.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, filwaqt li qabel li għandha ssir laqgħa għall-għaqdiet tal-lokalita`.

**2.11.1. *European Destination of Excellence Status* (T/12/Vol II)**

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-proġett pilota iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, li għaliħ il-Mellieħa ġiet magħżula biex tipparteċipa, ser jitħabbar mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura waqt konferenza stampa fil-Berġa tal-Italja fil-21 ta' Mejju 2010.

2.11.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

**2.12.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli (K/6/11)**

2.12.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.6.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-15 ta' Mejju 2010 beda t-tqassim tal-boroz il-griżi minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa qal li kien hemm xi residenti fil-Mellieħa li xorta waħda ngħataw il-boroz, minkejja li l-karta tal-identita` tagħhom kienet b'indirizz fuq lokalita` oħra. Intqal ukoll li l-konkorrenza tal-pubbliku s'issa ma kinitx dik mixtieqa.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 22/04/10 – 12/05/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/04/10 – 07/05/10
- *Purchase Request Form* – 17/05/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa mal-Mellieħa Sports dwar l-Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv – 22/04/10

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq l-Uffiċċju tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

4.1.2. Il-Kunsill ġie mfakkar li kienu ngħataw fondi taħt l-Iskema *Energy Saving* sabiex jiġu nstallati pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-Uffiċċju. Is-Segretarju fakkar li kien twaqqaf kumitat peress li l-applikazzjoni saret minn konsortju kompost mill-Kunsilli tan-Naxxar, Mġarr, Għargħur, Xagħra, Sannat, Nadur, Għajnsielem, Żebbuġ, Floriana u Mtarfa. Għas-sejħa wieġbu tmien offerenti. Galea Curmi Engineering Consultants għamlu l-evalwazzjoni tagħhom u rrakkomandaw l-offerta ta' Alberta Fire and Security Ltd, li fit-totalita` tagħha kienet tammonta €89,922 u fil-każ tal-Mellieħa kienet tammonta għal €4,846.14. Fl-aħħar laqgħa tal-kumitat li twaqqaf illi saret fl-4 ta' Mejju, attendew il-Kunsillier Joe Azzopardi u s-Segretrju. Fl-istess laqgħa ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-Alberta Fire & Security Ltd, kif fil-fatt sar.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. *Musical* "L-Imħabba fuq l-Għolja" (A/5/3/1/Vol XI)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Mejju 2010, mibgħut minn kumpanija l-Vision, fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-*musical* imsemmi, li ttellgħa fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2010, ikun jista' jinħadem f'film ħalli jintwera fiċ-ċinema u t-televiżjoni. Dan ikun jista' jseħħ ukoll bi ftehim ma' Mro Paul Abela u l-awtur tal-iskript is-Sur Frederick Zammit. Intalbet ukoll l-koperazzjoni tal-Kunsill sabiex jitneħħew spejjeż ta' permessi waqt il-ġbid, kif ukoll jinstab spazju fejn jinżammu l-*props* u akkomodazzjoni għall-krew.

4.2.3. Is-Sindku qal li waqt laqgħa li huwa kellu ma' rappreżentant tal-kumpanija Vision, ġie spjegat li waħda mix-xeni li jridu jinġibdu trid issir waqt il-festa tal-Vitorja. Il-film mistenni li jidher fl-ewwel xhur tal-2011.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandu jkun strumentali biex din l-inizjattiva tirnexxi u għalhekk għandha tingħata l-għajnuna meħtieġa, filwaqt li tintalab skeda tal-filming li ser jsir.

### 4.3.1. Imblukkar ta' passagg minn Triq l-Etna ghax-xifer (T/4/8/2)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 11 ta' Mejju 2010, mibgħuta mis-Sur John Collison li rreferiet għall-korrispondenza li għaddejja wara l-eżitu` tas-sentenza tal-Qorti tat-30 ta' April 2009. Is-Sur Collison qal li l-Kunsill għandu jintervjeni biex iwaqqaf il-korrispondenza, filwaqt li għandu joqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti. Fin-nuqqas ta' dan huwa lest li jieħu passi legali biex jħares id-drittijiet tiegħu.

4.3.3. Is-Sur R. Cutajar qal li kif kien miftiehem, intalab appuntament mad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt sabiex tiġi diskussa l-interpretazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti. Huwa qal ukoll li mit-tagħrif illi huwa għandu, imkien ma jirriżulta li xi ħadd għandu dritt ta' aċċess u passaġġ mill-art in kwistjoni.

### 4.4.1. Aċċessibilita` għall-bankini matul il-*Promenade* tal-Għadira (P/8/2/Vol III)

4.4.2. Iqrat ittra datata 13 ta' Mejju 2010, mibgħuta minn Sharon Formosa fejn ilmentat dwar il-fatt li jeżistu bankini li huwa dojoq u oħrajn li m'għandhomx rampi u b'hekk huwa inaċċessibbli bil-*pushchair* u siġġu tar-roti.

4.4.3. Billi Triq il-Marfa hija triq arterjali, il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-ilment lir-*Roads and Infrastructure Directorate* fi ħdan Transport Malta u lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

### 4.5.1. Arblu perikoluż fi Triq Ta' Masrija (D/5/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Mejju 2010, mibgħuta mill-Ombudsman dwar talba għad-danni mis-Sinjura Mary Rose Cauchi, wara li hija allegatament sofriet f'inċident fejn miet il-kelb tagħha b'riżultat ta' xokk elettriku. Dan wara li l-kelb ġie f'kuntatt ma' arblu li jinsab quddiem il-fond Nru. 35, fid-19 ta' Diċembru 2009. Mill-korrispondenza li ntbagħtet, il-Korporazzjoni Enemalta qalet li hija m'għandha ebda rabta mal-arblu in kwistjoni, peress li dan kien tad-dwal tat-toroq li sar mill-Kunsill. L-Ombudsman talab lill-Kunsill jikkummenta fuq din it-talba.

4.5.3. Is-Segretarju qal li huwa rribatta din l-istqarrija mal-Ombudsman, billi l-arblu li rrappurtat is-Sinjura Cauchi ma kienx fih ebda lampa u fil-fatt kien qed iżomm biss *overhead cables* li jwasslu l-provista tal-elettriku fil-bini ta' dawk l-inħawi.

4.5.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 4.6.1. Mellieħa Tritons Women Volleyball Team (S/6/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għall-ittri datati 13 ta' Mejju 2010, mibgħuta mis-Segretarja tat-tim imsemmi li twaqqaf f'Lulju 2009. L-istess tim appella għall-għajnuna mill-Kunsill biex huma jkunu jistgħu jsostnu l-parteċipazzjoni tiegħu fil-kompetizzjonijiet li jsiru barra mill-Mellieħa.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitkomplew il-kuntatti sabiex jiġu identifikati metodi dwar kif tista' tingħata għajnuna.

4.6.4. Talba oħra ġiet mill-MellieħaTritons Basketball Team, fejn talab lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-*Hot Shot and Strike Basketball Competition* li hija ppjanata li jsir fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa nhar il-Ħadd 30 ta' Mejju 2010.

4.6.5. Il-Kunsill aċċetta li jissieħeb fl-organizzazzjoni u jikkontribwixxi sa' massimu ta' €230 biex jinxtraw it-trofej.

### 4.7.1. *Study visit* minn membri Ewropej tal-*Commonwealth Local Government Forum* (K/1/8/Vol II)

4.7.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Mejju 2010, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, fejn il-Kunsill intalab jilqa' delegazzjoni mill-Commonwealth Local Government Forum sabiex jagħmlu *study visit* dwar prattiċi amministrattivi fil-Kunsilli Lokali. Id-delegazzjoni ser tkun komposta minn Mr Carl Wright u ser iżżur il-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2010.

4.7.3. Is-Sindku ppropona li jintwera *feature* dwar il-Mellieħa u tingħata preżentazzjoni mis-Segretarju dwar prattiċi amministrattivi, u proġetti li twettqu jew hemm ippjanati. Huwa stieden lill-Kunsillieri jattendu.

4.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. Skema ta' finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

4.8.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 10 ta' Mejju 2010, mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Publika. Fl-istess ittra tħabbar li l-Kunsill tal-Mellieħa, flimkien dak taż-Żejtun ser jibbenefikaw sa massimu ta' €20,000 kull wieħed. Is-Sur R. Cutajar qal li biex jiġi kkummissjonat l-istudju jeħtieġ li ssir sejħa għall-offerti, sakemm ma jingħatawx direttivi oħra mill-istess Segretarjat Parlamentari. Dan peress li fl-applikazzjoni kien hemm metodu ieħor kif dan l-istudju jista' jsir mingħajr ma' tinħareġ sejħa. It-tħabbir għall-pubbliku tal-benefiċjarji f'din l-iskema ser isir mis-Segretarju Parlamentari Chris Said fl-24 ta' Mejju 2010 fiż-Żejtun.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.9.1. *Bike Ride* fi Triq Lewis Wettinger u t-Telgħa ta' Selmun (A/6/3/2/Vol VIII)

4.9.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal *e-mail* datat 12 ta' Mejju 2010, mibgħut mill-Kunsill Malti għall-Isports sabiex tiġi organizzata *bike ride* fi Triq L. Wettinger, li tibda minn qrib

Triq Qasam Barrani u tintemm f'Buġibba. L-attività hija ppjanata għal nhar il-Ħadd 23 ta' Mejju 2010.

4.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ikun hemm superviżjoni tat-traffiku mill-Pulizija jew il-Gwardjani Lokali fejn:
(a) ir-*roundabout* tal-*petrol station* fi Triq L. Wettinger kantuniera ma' Triq Qasam Barrani;
(b) Triq L. Wettinger kantuniera ma' Triq il-Mithna l-Qadima (fejn il-barriera); u
(c) ir-*roundabout* ta' Selmun.

Billi dan l-avveniment jinvolvi iktar minn lokalita` wahda, għandu jiġi mghoddi ghall-permess tal-Pulizija.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Mejju 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-10 ta' April u s-7 ta' Mejju 2010. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-10 ta' April u s-7 ta' Mejju 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut fiż-żewġ skedi mressqa u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Ftuħ ta' Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani fil-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-uffiċjal mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani li kellha tattendi din il-parti tas-seduta ma setgħetx tattendi minħabba li kienet indisposta.

7.3. Is-Sindku għarraf li ċ-Ċentru ser jiġi nawgurat mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita` l-Onor. Mario Galea fl-4 ta' Ġunju 2010 fil-11.00am. Billi bejn id-29 u t-30 ta' Mejju ser ikun hemm *open weekend*, mhux ser jinħarġu inviti għaċ-ċerimonja.tal-inawgurazzjoni. Matul dawn il-jumejn ser tittellgħa wirja tal-arti u kant u żfin u tagħrif ieħor marbut mas-servizzi li ser jingħataw minn dan iċ-ċentru.

7.4. Mill-kuntatti li saru mas-Segretarjat, ġiet stabbilit li l-anzjani ser jintalbu jikkontribwixxu €6 fil-ġimgħa biex jingħataw kolazzjon filgħodu, filwaqt li ċ-Ċentru ser ikun miftuħ bejn it-8.00am u l-4.30pm. Il-Kunsill ser jingħata l-opportunita` li jkollu *notice board* fl-istess binja.

7.5. Is-Sur R. Cutajar fakkar li fl-estimi għas-sena finanzjarja 2010, ġiet ivvutata s-somma ta' €20,000 taħt il-vot 3080, proprju sabiex il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa fit-tmexxija taċ-Ċentru. Huwa identifika tliet oqsma li l-Kunsill jista' jintervjeni, illi huma:

- Attrezzar tal-*fitness centre*;
- Tindif tat-twieqi tal-kmamar li ser jintużaw bħala Ċentru; u
- It-trasport tal-anzjani residenti fil-lokalita`.

7.6. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jintalbu stimi dwar ix-xiri ta' mera u tapit għall-*fitness centre*, filwaqt li ssir sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern u ġurnal lokali sabiex jiġi pprovdut servizz ta' tindif tat-twieqi li ċ-Ċentru għandu fuq barra. Dan ikun ta' frekwenza ta' darba fix-xahar għall-perjodu ta' sitt xhur. F'dak li jirrigwarda t-trasport, kien hemm qbil li għadu prematur biex wieħed jiddeċiedi dwaru, peress li ser jitqassam kwestjonarju waqt l-*open weekend* biex tiġi stabbilita d-domanda li ser ikun hemm.

7.7. Waqt li kien qed jiġi diskuss dan is-suġġett, is-Sindku għarraf li n-numru ta' sodod f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ser jiżdied minn 130 għal 145, filwaqt li ser ikun sitta oħra biex ikun jista' jingħata servizz ta' *respite*. Is-Segretarjat qed jikkonsidra wkoll li jipprovdi faċilitajiet għall-anzjani li jgħixu waħedhom sabiex ikun jistgħu joqgħodu fid-Dar matul il-lejl biss (*Night Shelter*).

7.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li meta kienu qed jitfasslu l-pjanijiet qabel inbniet Dar il-Madonna tal-Mellieħa, il-Kunsill kien jippressa biex tiġi ntrodotta *policy* li 30% tal-postijiet jitħallew għar-residenti mill-Mellieħa.

7.9. Is-Sindku wieġeb li fil-preżent hemm 47 persuna mill-Mellieħa residenti fid-Dar u għalhekk il-persentaġġ ta' 30% inqabeż. Għalkemm huwa jiffavorixxi din *policy*, mhux faċli li wieħed jikkonvinċi l-awtoritajiet kompetenti sabiex jaddottawha, peress li d-dar qed tiġi ffinanzjata mit-taxxi tal-poplu kollu. Is-Sur R. Cutajar saħaq li għandha tibqa' issir pressjoni sabiex tinqata' l-lista ta' Melleħin li qed jistennew sabiex jidħlu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

7.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li għandha tintbagħat ittra ta' apprezzament lis-Segretarju Parlamentari Mario Galea bħala apprezzament għas-servizz b'dedikazzjoni mogħti kemm minn CareMalta Ltd u mill-infermiera tal-Gvern.

## 8.1. Sejħa għall-offerti dwar il-forniment ta' provisti u servizzi b'rabta mat-Tieni Fażi tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

8.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi s-sejħa għall-offerti Nru. 1/2010 għalqet fis-17 ta' Mejju 2010. Huwa ppreżenta skeda ta' offerti li nfetħu, illi t-totali rispettivi kienu kif jidher hawn taħt:

| Central Asphalt Ltd | Josef Borg | Polidano Bros. Ltd |
|---|---|---|
| €474,242.80 | €969,235.05 | €470,571.10 |

8.3. Ġie spjegat li Central Asphalt Ltd ma ppreżentawx *bid bond* peress li għandhom *performance bond* oħra fis-seħħ fir-rigward ta' kuntratt prevalenti li għandhom mal-Kunsill. L-offerent Joseph Borg issottometta l-*bill of quantities* biss, filwaqt li ma kienx akkumpanjat bil-*bid bond*, in-*Non Collusive Tendering Certificate*, u l-*Form of Tender*. Is-sottomissjonijiet li saru minn Polidano Brothers Ltd kienu jinkludu d-dokumenti kollha meħtieġa, iżda ma kkwotax għall-*items* 8, 14, u 15 tal-*bill of quantities*.

8.4. Kompla jiġi spjegat li kemm-il darba jiġu mqabbla l-offerti ta' Central Asphalt Ltd u Polidano Brothers Ltd, bit-tneħħija tal-*items* li ma ġewx ikkwotati minn tal-aħħar it-total jiġi kif ġej:

| Central Asphalt Ltd | Polidano Bros. Ltd |
|---|---|
| €458,930.30 | €470,571.10 |

Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-iskeda tal-offerti mitfugħa ġiet mgħoddija lill-perit sabiex jagħmel l-evalwazzjoni teknika min-naħa tiegħu.

8.5. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li s-somma ivvutata għall-dan il-proġett għas-sena finanzjarja 2010 hija €250,000 u għalhekk mhux biżżejjed biex tkopri l-ispiża kkwotata skond l-offerti li saru. Billi l-proġett tal-Park tal-Familja huwa pjuttost kbir, in-nefqa marbuta mal-kuntratt ta' provista tista' tkun mifruxa fuq sentejn. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill kien ivvota €225,000 għall-proġett tal-Ġnien Pubbliku / *Playing Field* f'Mellieħa Heights, illi n-nefqa fuqu hija diġa hija kommessa b'kuntratti li jammonta għal €201,400. Ġie spjegat li l-istess nefqa ser tiġi rkuprata lura permezz tal-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA. Is-Sur C. Debono qal li kemm-il darba jkun hemm il-ħtieġa, is-somma li tiġi rkuprata b'dan il-mod tkun tista' tiġi rijallokata fuq il-Proġett tal-Park tal-Familja.

8.6. Is-Sindku qal li għaddejjin kuntatti biex ċerti *items* inklużi fil-*bill of quantities*, bħalma huma l-*paving blocks*, jistgħu jiġu ffrankati għaliex il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jkun jista' jforni ċangatura tal-franka mill-barriera li għandu l-Gvern f'Ta' Żuta. Huwa qal li l-paviment tal-passaġġi li saru fl-ewwel fażi tal-proġett, fil-fatt kienu saru biċ-ċangatura tal-franka. Is-Sur R. Cutajar qal li f'każ ta' bżonn għandha ssir reviżjoni tal-estimi, peress li l-Park tal-Familja jibqa' wieħed mill-proġetti ewlenin li jridu jitlestew matul t-12-il xahar li ġejjin.

8.7. Fid-dawl tal-evalwazzjoni li saret, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lil Central Asphalt Ltd, li minbarra ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbilita fir-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali – Avviż Legali 255 tal-2009 – huwa magħruf li huma f'posizzjoni li jissuplixxu l-parti l-kbira tal-materjal inkluż fil-*bill of quantities* mingħajr ma jkollhom jirrikorru għand fornituri oħra. Kien hemm qbil ukoll li din id-deċiżjoni tibqa'

valida sakemm l-evalwazzjoni tal-perit ma tkunx tinvolvi rakkomandazzjoni kuntrarja għal dik tal-Kunsill.

8.8. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku rrakkomanda li għandu jitħalla spazju sabiex isir kjosk żgħir tal-injam, fejn ikun jista' jinbiegħ xorb u ikel lil minn iżur il-faċilitajiet f'Tal-Ibraġ. Huwa ssuġġerixxa li jsir l-istess fil-każ ta' Ġnien il-Qigħan. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li d-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` għandu jkun infurmat sabiex jiġi żgurat li l-proċedura addottata tkun dik korretta.

8.9. Is-Sur R. Cutajar qal li jkun iktar funzjonabbli jekk il-latrini użati mill-atleti u l-plajers ikunu separati minn dawk tal-pubbliku. Il-Kunsill approva t-tibdil fil-pjanti ndikat u għalhekk il-perit għandu jintalab sabiex jagħmel it-tibdil meħtieġ.

8.10. Dwar ir-raba li jeħtieġ jittieħed, is-Sindku għarraf li wieħed mill-persuni konċernati għamel talba lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi kkumpensat b'art oħra fil-qrib. Dwar il-persuna l-oħra milquta, is-Sur R. Cutajar qal li għadu qed jistenna li dan jagħmel l-istess. Huwa qal ukoll li s-siġar tal-ħarrub mhux ser jiġu affettwati peress li ser jitħallew, filwaqt li dawk illi s-siġar l-oħra affettwati ser jitħawwlu oħrajn taħt l-iskema mnedija mill-Gvern.

## 9.1. Frekwenza tal-Ġbir tal-Iskart Organiku u dak Riċiklabbli (K/6/2/Vol V)

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-kuntratt il-ġdid dwar is-servizz imsemmi hawn fuq. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-abbozz tal-istess kuntratt li ġie mgħoddi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jistabilixxi li l-ġbir tal-iskart organiku jsir mill-inqas erba' darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li dak riċiklabbli jinġabar darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm kunsilli lokali li addottaw dan il-mudell u qed ikollhom riżultati tajbin ħafna f'dak li jirrigwarda t-tunellaġġ ta' skart riċiklabbli separat li qed jinġabar.

9.3. Is-Sindku qal li bil-miżura ndikata fil-minuta 9.2. aktar 'il fuq, wieħed irid joqgħod attent li ma jkunx qed jitnaqqas il-livell tas-servizz, li finalment jirriżulta f'aktar skart fit-toroq. Is-Sur R. Cutajar qal li dan il-fattur probabbli jinħass l-iktar matul ix-xhur tas-Sajf.

9.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li jeżistu residenti li m'għandhomx spażju biżżejjed biex iżommu l-borża tal-iskart reċiklabbli għal ġimgħa sħiħa. Din is-sitwazzjoni qed isservi ta' diżinċentiv biex wieħed jissepara l-iskart u għalhekk ħafna qed jiddeċiedu li jħalltu ma' l-iskart organiku għaliex jeħilsu minnu qabel, billi attwalment dan jinġabar kuljum mit-Tnejn sas-Sibt.

9.5. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li huwa jaqbel illi jkun hemm jumejn fil-ġimgħa meta jsir il-ġbir tal-iskart reċiklabbli biss. Il-pressjoni li jkun hemm matul ix-xhur tas-Sajf tiżdied ħafna nhar ta' Tnejn u għalhekk, jekk il-ġranet tal-ġbir tal-iskart organiku jsiru tajjeb, m'għandhomx jinħolqu problemi.

9.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-Annex 4 tad-dokument tal-offerta għandu jistablixxi l-jiem tat-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt meta għandu jsir il-ġbir tal-iskart organiku biss, filwaqt li nhar ta' Tlieta u l-Ħamis isir il-ġbir tal-iskart reċiklabbli biss.

## 10.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

10.2. Is-Sindku għarraf li huwa għandu f'idejh rapport li sar mill-Perit Joseph Attard *(Contracts Manager)* dwar iż-żewġ applikazzjonijiet li saru lill-MEPA mill-Mellieħa Sports Club. Dan kienu jinvolvu:

(a) il-bdil fl-użu tal-bini minn każin għal żewġ appartamenti b'*penthouse* u l-bdil tad-daħla attwali għal tieqa; u

(b) is-sanzjonar ta' alterazzjonijiet u l-bini ta' sular li saru bla permess, u l-bdil fl-użu tal-post minn każin għal blokka ta' appartamenti.

Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li l-annessjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill attwali mal-Isports Club għandu jiffaċilita` is-sanzjonar tal-kmamar li nbnew fuq il-bejt bla permess. Fir-rapport tal-perit intqal li dan ikun jinvolvi multa ta' madwar €2,300.

10.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-ittra datata 28 ta' April 2010, li ntbagħet mill-Mellieħa Sport Club (MSC), fejn qed jaċċettaw l-offerta ta' €210,000 li saret fil-laqgħa tat-22 ta' April bejn delegazzjonijiet mill-Kunsill u l-MSC, mingħajr ma' għamlu referenza għall-mod kif ser isiru l-pagamenti. Ingħatat ħarsa wkoll lejn d-diskussjoni fuq dan is-suġġett li kien

hemm sad-data ta' din is-seduta, liema diskussjoni kienet mifruxa fuq ħames seduti bejn Diċembru 2009 u April 2010. Huwa aċċenna għall-fatt li l-minuti msemmija kienu ġew approvati mill-Kunsill.

10.4. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li l-estensjoni tal-uffiċċju ma ġietx trattata fit-tieni u t-tielet sena tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill. Huwa kkummenta wkoll li jaqbel mal-opinjoni espressa mill-Kunsillieri J. Buttigieg fis-seduta preċedenti, għaliex jemmen li fid-dawl tal-fatt illi dan il-post għadu ma nbiegħx, għandha ssir pressjoni biex jitnaqqas il-prezz mitlub. Huwa kompla jgħid li dan għandu jkun mgħejjun mill-fatt li kien hemm żewġ applikazzjoni lill-MEPA (PA 3895/06 u PA 927/08) li ġew irrifjutati.

10.5. Is-Segretarju wieġeb li meta tfassal il-Pjan ta' Ħidma, l-affarijiet kienu għadhom fil-bidu u lanqas kien magħruf kemm hija t-talba. Minkejja dan, fl-estimi għas-sena finanzjarja 2010 u fl-ewwel sena tal-Pjan ta' Ħidma, kienet ġiet ivvutata s-somma ta' €80,000. Min-naħa l-oħra, il-Pjan ta' Ħidma jiġi aġġornat minn sena għal sena, u kemm il-darba l-affarijiet ikunu aktar ċari, il-pjan jiġi emendat skond l-iżviluppi li jkun hemm.

10.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li l-Kunsill mhux qed juża l-*bargaining power* illi ġej mill-fatturi li ssemmew aktar qabel. Huwa qal ukoll li għalkemm mhux rifless fil-minuti tal-Kunsill, kien ħażin meta ssemmiet fil-bidu nett, it-talba ta' €175,000, waqt waħda mis-seduti, tard fl-2009. Huwa qal li l-punt tat-tluq f'dak li huwa prezz għandu jkun ta' €175,000.

10.7. Is-Sindku fakkar illi fil-laqgħa li kienet approvata li ssir mill-Kunsill, illi saret fit-22 ta' April 2010, id-delegazzjoni tal-Kunsill ipproponiet il-prezz ta' €210,000, fid-dawl tal-istima li saret mill-Perit Joseph Attard ta' €240,000.

10.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa oħra ma' delegazzjoni mill-MSC fejn issir proposta biex mill-prezz ta' €210,000 jitnaqqsu:

(a) T-taxxa mposta mill-Gvern fuq it-trasferiment tal-proprjeta`; u

(b) il-multi li tista' timponi il-MEPA biex jiġu sanzjonati l-irregolarijiet li għandhu l-fond.

## 11.1. Proġett – "2 Coasts 1 Europe" (P/10/6)

11.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2010, l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea f'Malta (EUPA) għarrfet li s-somma approvata taħt il-Proġett *Youth in Action* - MT-1.1-06-2010-*R1 - Two Coasts One Europe,* tammonta għal €13,796. Fl-istess ittra ġiet spjegata l-proċedura biex dawn jiġu rkuprati mill-istess aġenzija, fejn fost kundizzjonijiet oħra, il-Kunsill intalab sabiex ma jikkommetti ebda nefqa qabel ma' jiġi ffirmat il-ftehim.

11.3. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-aħbar li l-Unjoni Ewropea ssuspendiet il-fondi lill-EUPA għas-sitt xhur li ġejjin, fir-rigward tal-Programmi *Lifelong Learning* u *Youth in Action*. Huwa staqsa dwar jekk dan il-proġett jiġix affettwat b'din il-miżura.

11.4. Il-Kunsillier H. Fenech ta ħarsa lejn il-programm taż-żjara li ser isseħħ bejn l-1 u l-10 ta'Ġunju 2010.

11.5. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo ppropona li l-*budget* jitqassam kif jidher hawn taħt

| **Servizz** | **(€)** |
|---|---:|
| Trasport bl-Ajru | 4,480 |
| Akkomodazzjoni | 1,150 |
| Ikel (Inkluż ir-riċeviment tal-aħħar) | 4,594 |
| Trasport bil-*minibus /coach* | 986 |
| Ospitalita` | 300 |
| *Stationery / Exhibition Boards* | 1,150 |
| Affarijiet Oħra | 1,150 |
| **Total** | **13,810** |

11.6. Il-Kunsill approva kemm-il programm, kif ukoll l-estimi.

## 12.1. Ħruq ta' siġra fil-Ballut tal-Imġiebaħ (A/3/Vol III)

12.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li s-siġra antika li ngħatat in-nar f'Diċembru 2009, qed turi sinjali li mietet.

12.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan il-punt għandu jiġi mgħoddija lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-MEPA sabiex jiġi verifikat.

## 13.1. Ikkampjar fl-inħawi tal-Imġiebaħ (C/4/Vol III)

13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li minkejja l-ispezzjonijiet li qed isiru, l-ikkampjar fl-Imġiebaħ kompla għaddej. Ħafna drabi dan jibda mill-Ġimgħa u jkompli għaddej sal-Ħadd.

13.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li huwa ser jitlob rendikont tal-kontravvenzjonijiet li ġew irreġistrati bejn Novembru 2009 u Marzu 2010 sabiex jsir magħruf ta' liema tip kienu, u hekk il-Kunsill ikun jista' jippjana aħjar l-infurzar li għandu jsir.

## 14.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku u Xogħlijiet fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/5/1/Vol II)(T/4/13/Vol X)

14.2. Is-Sindku għarraf li huwa flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo u s-Segretarju C. Debono ltaqgħu mas-Sinjuri D. Sutton u F. Gauci dwar l-iżviluppi li kien hemm fir-rigward tar-riforma fit-trasport pubbliku fil-kuntest tal-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li t-*turning circles* fi Triq Franġisk Zahra huma kritiċi wisq u għalhekk ma jippermettux dawrien mill-vetturi maħsuba li jintużaw għall-*feeder lines*.

14.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-proposta dwar l-introduzzjoni ta' *Controlled Vehicular Access* (CVA) *cameras* u sistema ta' *one ways* biex tingħeleb il-konġestjoni fit-toroq ewlenin. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-pass li jmiss għandu jkun laqgħa mas-sidien tan-negozji.

14.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm u approva l-proposta tas-Sindku f'dak li jirrigwarda l-laqgħa għas-sidien tan-negozji, kif ukoll il-proposti l-oħra mressqa.

## 15.1. *Camera* ta' Sigurta` fi Ġnien tas-Salib (K/6/3/Vol III)

15.2. Is-Sindku kkummenta li l-ammont ta' vandaliżmu fil-ġnien imsemmi laħaq livell illi wieħed għandu jikkonsidra l-introduzzjoni ta' camera ta' sorveljanza.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-introduzzjoni ta' sistema ta' sorveljanza għall-ġnien indikat.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**